MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Numru 16/2000/1

**Agent Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Carmelo Agius, Oliver Agius, Lino Agius, Giuseppa Agius**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 22 ta' Jannar, 1999 u 1 ta' Lulju 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fil-Gharghur tal-kejl ta' cirka 374 metri kwadri li tmiss mit-Tramutana, min-Nofsinhar u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Carmelo Agius u ohrajn huwa ta' mija u disghin liri Maltija (Lm190.00) kif jidher mir-rapport tal-perit Godwin Drago

A&CE tat-18 ta’ Gunju 1998 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittri ufficjali tal-11 ta’ Frar 1999 u 19 ta’ Lulju 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlobu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ elf erba’ mija u ghaxar liri Maltija (Lm1,410).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fl-Gharghur fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi l-intimati ma jaqblux mal-kumpens offrut lilhom mir-rikorrent stante li dan huwa baxx u ma jirriflettix il-prezz gust tal-art in kwistjoni.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pave u l-Perit AIC Frederick H. Valentino wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Wara li ahna ghamilna access fuq il-post nhar il-Hamis, 21:xi:2002 fejn jirrizultalna illi l-istess art esproprijanda giet zviluppata fi triq gdid progettata kif indikata hawn fuq; wara li ezaminajna d-dokumenti relattivi w l-provi mressqin mill-artijiet; wara li hada in konjizzjoni tal-lokalita' u l-estenzjoni fizika tal-art esproprianda fi zmien in-Notice To Treat tat-22:01:1999, minn kalkoli li ghamilna ai termini ta' l-Ordinanza Dwar l-Izvilupp ta' Proprjeta' ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88), nistmaw il-valur ta' l-istess art esproprijanda bhala art agrikola fis-somma ta' sitt mija u hamsin lir maltin (Lm650:00c) franka u libera.

Illi l-ammont ta' Lm650.00 fil-valuta Maltija illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 1514.09 (elf hames mija u erbatax-il euro u disa centezmi)

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-art fl-ammont ta' Lm190.00 filwaqt illi l-intimati ddikjaraw illi l-valur rejali tal-art huwa ta' Lm1410.00

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li titrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , l-art li qed tkun dikjarata agrikola fil-Gharghur tal-kejl ta' cirka 374 metri kwadri li tmiss mit-Tramutana, min-Nofsinhar u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Carmelo Agius u ohrajn huwa ta' mija u disghin liri Maltija bil-kumpens ta' **Euro 1514.09** (elf hames mija u erbatax-il euro u disa centezmi) . Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-28 ta' April, 2008 fis-2.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom

ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------